**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 70**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar 2024 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Ralph Puli - Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Daniel Ablett – Kunsillier
Martina Grech -Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**70.1 Apoloġiji**

**70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillier Daniel Ablett u l-kunsillier Martina Grech.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji mressqa.

**70.2 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 69**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta Minuti 69, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 69.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**70.3.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ġie mniedi Premju Mara, mis-Sinjura Lydia Abela, fejn kull lokalita' hija mħeġġa tinnomina mara li tat u għadha tagħti kontribut lis-soċjeta'.

**70.3.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li l-Kunsill jinnomina lis-Sinjura Josephine Muscat, li ħadmet bħala Social Worker, ħadmet fil-qasam tal-persuni b'diżabilita u għadha tagħti servizz lis-soċjeta' sal-lum. Is-Sjra Muscat rabbiet familja u kienet tmur tgħin lil żewġha fil-forn u baqgħet taħdem fis-skiet ma' persuni vunnerabbli.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**70.4 Spejjeż Relatati mas-Servizz tal-Ġbir ta' Skart**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li tkellmet mal-President tar-Reġjun dwar il-kontijiet relatati mal-ġbir tal-iskart, fejn ġiet infurmata li minn din is-sena se jkun hemm żieda fuq is-servizz tal-ġbir. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll li minn din is-sena t-tipping fees tal-borża s-sewda se jkunu qed jogħlew minn € 40 għal € 60 fuq kull tunnellata.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li qed tistenna kont kbir għal Jannar u għaldaqstant il-Kunsill għandu joqgħod attent ħafna kif jagħmel l-infieq tiegħu.

**70.5 Skemi maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill qed jipproponi li japplika għall-iSkemi kif ġej:

**70.5.1 Community Gardens**

Il-Kunsill approva li jsir tisbiħ tal-ġardina fi Pjazza Narbona, ħdejn Block 5 f'Ta' Farżina, faċċata tal-pic-nic area u niddiskutu mal-Kurja hux possibbli li jsir tisbiħ ta' biċċa art eżistenti fi Triq Tal-Bajjada.

**70.5.2 Komunitatjiet aktar b'saħħithom u nklussivi**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li ssir walking track fi Vjal de la Cruz. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-proposta kienet parti mill-proġett oriġinali tal-ġnien u għaldaqstant il-Kunsill jista' japplika għaliha għaliex diġà hemm il-pjanti u stima għal dan ix-xogħol, biss jeħtieġ li ssir reviżjoni tal-istima għas-sena li ninsabu fiha.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**70.5.3 Lokalitajiet aktar nodfa u ndaf**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li tkun idea tajba jekk tinħareġ pubblikazzjoni għat-tfal sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tas-separazzjoni tal-iskart, it-tnaqqis tal-użu tal-borża s-sewda u nqajmu kuxjenza tal-ambjent ta' madwarna. Din il-pubblikazzjoni tista' tinħadem mal-Dipartiment tal-Litteriżmu.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**70.5.4 Proġetti Maġġuri li saru mill-Gvern Ċentrali**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li s-sena il għaddiet il-Kunsill applika għal tiġdid tal-Qormi Sports Complex, iżda l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-budget għal din l-iskema huwa ta' massimu ta' € 30,000.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** pproponiet li l-Kunsill japplika għall-fondi sabiex jitkompla l-proġett ta' ġbir tal-ilma tax-xita. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li filwaqt li l-idea hija tajba, l-fond ta' din l-iskema mhux biżżejjed biex ilaħħaq mal-ispejjeż ta' tali proġett.

**70.5.5 Attivitajiet Kulturali u Natalizji**

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona li l-Kunsill jerġa' japplika għall-attivita' tal-Milied, għaliex din hija attivita' li tgħaqqad il-komunita' kollha.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li huwa mportanti li jinġabru stimi sabiex tintrama tinda sabiex ma jerġax jiġri bħall-aħħar attivita', fejn minħabba l-maltemp kellha titwaqqaf.

Il-Kunsill approva unanimament.

**70.6 Unaudited Financial Statements**

**Is-Segretarju Ezekuttiv** infurmat li l-accountants ma kienx possibli li jattendu għal-laqgħa kif mitlub.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab li l-Kunsill ikollu;

Extended Balance Sheet bil-figuri kollha jaqblu mal-figuri tar-Rapport Finanzjarju, spjega tal-movimenti maġġuri tal-ispejjeż u jingħata l-informazzjoni mitluba fl-email li ntbagħtet fis-7 ta' Frar.

**70.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 19 ta' Frar 2024 fis-6.00p.m.

Konfermati llum, 12 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |